EUROPA TOURS

7 Days

# A Tale of Cities

## Berlin • Dresden • Prague

### 2 – 8 t'Awwissu

**Il-Ħadd 02 t'Awwissu**
Niltaqgħu fis-15.30 l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta għaċ-check-in għal titjira KM376 li titlaq fil-17:30 u naslu Berlin fit-20:05. Trasferiment lejn Hollywood Media Film Hotel 4-star, li tinsab fiċ-ċentru tal-belt.

**It-Tnejn 03 t'Awwissu**
Kolazzjoni bnina. Wara jkollna tour gwidat biex inżuru l-aktar postijiet interessanti f'**Berlin** bħal Brandenburg Gate, Reichstag, Holocaust Memorial, mixja tul Unter den Linden, Berliner Dom, Checkpoint Charlie, Topography of Terror, East Side Gallery - Berlin Wall, Kreuzberg - street food, bars rilassanti. Ħin liberu għax-shopping minn Kurfürstendamm.

**It-Tlieta 04 t'Awwissu**
Wara l-kolazzjoni nibdew il-vjaġġ lejn il-**Muntanji Harz** u nagħmlu l-ewwel waqfa tagħna f'**Quedlinburg**, belt fit-tramuntana tal-Ġermanja magħrufa għat-toroq medjevali tagħha mimlija djar half-timbered. Tħares fuq il-belt nsibu l-Kastell ta' Quedlinburg. Il-kumpless tal-kastell jinkludi l-Knisja ta' St. Servatius fl-istil Romanesk, li fiha l-qabar tar-re Ġermaniż tas-seklu 10, Henry I. Inkomplu lejn **Weringerod** – djar half-timbered ikkuluriti, veduta tal-kastell u atmosfera mill-isbaħ. Din hija l-aktar belt fiż-żona tal-Harz li tidher qisha ħierġa minn xi ktieb tal-istejjer. Id-djar half-timbered huma miżbugħin b'kuluri qawwijin, li jispikkaw waqt li nimxu fit-toroq. Hemmhekk naraw id-dar iz-żgħira  fi Knoch Street, u nammiraw ir-Rathaus Wernigerode u l-funtana.

**L-Erbgħa 05 t'Awwissu**
Eskursjoni għal **Dresden**, magħrufa bħala *Firenze fuq l-Elbe*. Din hija belt b'arkitettura Barokka impressjonanti u wirt kulturali rikk. Mixja mal-gwida fiċ-ċentru storiku Altstadt (Belt il-Qadima) naraw monumenti emblematiċi bħall-Frauenkirche, il-Palazz grandjuż Zwinger bil-kollezzjonijiet tal-arti tiegħu, u s-Semper Opera House, waħda mill-aqwa fil-Ġermanja. Il-Brühl's Terrace, spiss imsejjaħ il-"Gallarija tal-Ewropa," joffri veduti panoramiċi tax-xmara Elbe u l-belt. Fuq in-naħa l-oħra tax-xmara fid-distrett Neustadt, nesploraw kuntrast vibranti ta' street art, cafés indipendenti u boutiques. Check-in fil-Holiday Inn Express Dresden Centre 4 star u ħin liberu.



EUROPA TOURS

### Il-Ħamis 06't'Awwissu

Wara l-breakfast, nitilqu biex inżuru l-**Fortizza ta' Königstein** –fortizza fuq għolja qrib Dresden, f' Saxon Switzerland, il-Ġermanja, fuq il-bank tax-xmara Elbe. Hija waħda mill-akbar fortifikazzjonijiet li tinsab fuq għolja fl-Ewropa u tinsab fuq muntanja ċatta bl-istess isem. Ngħaddu mbagħad għal vjaġġ panoramiku lejn **Bastei Bridge** u jkollna ftit ħin liberu biex ingawdu l-meravilji naturali ta' dan il-post. Inkomplu lejn **Kurort Rathen**, għal mixja rilassanti max-xmara.

### Il-Ġimgħa 07 t'Awwissu

Illum inżuru **Görlitz,** magħrufa għall-arkitettura tagħha u bħala post tal-films. Niltaqgħu mal-gwida tagħna fl-Obermarkt, waħda mill-akbar u l-isbaħ pjazez f'Görlitz. Minn hawn, immorru lejn l-Untermarkt. Naraw il-Knisja tat-Trinità, id-Dar ta' Napuljun, is-Schönhof, u l-Muniċipju bl-arloġġi impressjonanti tiegħu. Fl-aħħar, nimxu fi sqaqien dojoq biex naslu sal-Peterskirche - il-knisja tal-belt, mżejna b'żewġ torrijiet li jiddominaw fuq Görlitz. Imbagħad naqsmu l-pont pedonali fuq ix-xmara Neisse lejn Zgorzelec, il-Polonja — żewġ bliet li darba kienu belt waħda. Tista' tgħid li se nkunu nistgħu inżuru żewġ pajjiżi fi ftit minuti!

### Is-Sibt 08 t'Awwissu

Wara l-kolazzjoni nibdew il-vjaġġ tagħna lejn il-kapitali tar-Repubblika Ċeka - **Prague**. Malli naslu nagħmlu tour mal-belt fejn naraw Charles Bridge, l-astronomical clock u l-Katidral. Ħin liberu biex ngawdi l-atmosfera qabel nitilqu lejn l-Ajruport ta' Prague għat-titjira tagħna mal-KM539 li ttir fid-21.20, u naslu Malta fit-23.50.

### Prezz Kull Persuna
### Eskursjonijiet u Taxxi inklużi

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tliet persuni | €1'075 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1'080 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1'300 |
| Tfal sa ħdax -il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €970 |

### Prezz kull persuna jinkludi:

Titjira mal- KM Malta Air għal Berlin
20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
Iljieli: 3 Berlin u 3 Dresden 4* hotels fiċ-ċentru
Buffet Breakfast kuljum.
Taxxi ta' l-ajruport
Tour-leader
Insolvency protection

### Prezz ma jinkludiex:

City Tax
Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.

